*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,570, 26 ta' Marzu, 2010*

*Taqsima B*

**A.L. 189 tal-2010**

## ATT DWAR IS-SIGUREZZA TAL-PRODOTTI (KAP. 427)

### Regolamenti tal-2010 dwar Xorb Spirituż

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 38 tal-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investimenti, fuq il-parir tal-Awtorità Maltija dwar l-*Istandards,* għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu fil-qosor.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti tal-2010 dwar Xorb Spirituż.

Kamp ta' applikazzjoni.

**2.** Dawn ir-regolamenti jimplimentaw id-disposizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 110/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, l-ittikkettar, u l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ta' xorb spirituż u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1576/89.

Ħatra tal-Awtorità Kompetenti.

**3.** L-Awtorità Maltija dwar l-*Istandards* qiegħda tinħatar bħala l-awtorità nazzjonali responsabbli msemmija fir-Regolament (KE) Nru 110/2008:-

(a) biex tirċievi kull applikazzjoni sabiex indikazzjonijiet ġeografiċi jiġu reġistrati skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 110/2008; u

(b) fir-rigward tal-Artikolu 24(1) tar-Regolament (KE) Nru 110/2008, għall-kontroll fir-rigward tal-obbligi stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 110/2008 skont ir-Regolament (KE) Nru 882/2004.

**L.N. 189 of 2010**

## PRODUCT SAFETY ACT
## (CAP. 427)

### Spirit Drinks Regulations, 2010

IN exercise of the powers conferred by article 38 of the Product Safety Act, the Minister of Finance, the Economy and Investment has, on the advice of the Malta Standards Authority, made the following regulations:-

Short title.

**1.** The title of these regulations is the Spirit Drinks Regulations, 2010.

Scope.

**2.** These regulations implement the provisions of Regulation (EC) No 110/2008 of the European Parliament and of the Council on the definition, description, presentation, labelling and the protection of geographical indications of spirit drinks and repealing Council Regulation (EEC) No 1576/89.

Designation of the Competent Authority.

**3.** The Malta Standards Authority is hereby designated as the responsible national authority referred to in Regulation (EC) No 110/2008:-

(a) for receiving any application for the registration of geographical indications as per Article 17 of Regulation (EC) No 110/2008; and

(b) with respect to Article 24(1) of Regulation (EC) No 110/2008, for control in respect of the obligations established by Regulation (EC) No 110/2008 in accordance with Regulation (EC) No 882/2004.

---

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.09